*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,983, 30 ta' Ottubru, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 376 tal-2012**

**ATT DWAR IR-REGOLAMENT TAL-BINI**
**(Kap. 513)**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI**
**(Kap. 423)**

**Regolamenti tal-2012 dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6(1) tal-Att dwar ir-Regolament tal-Bini u l-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini u biex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tagħha. Dawn ir-regolamenti jippromwovu t-titjib fir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini fl-Unjoni Ewropea, filwaqt li tingħata importanza għall-klima esterna u l-kundizzjonijiet lokali, kif ukoll għall-ħtiġiet tal-klima interna u effettività tal-infiq.

Tifsir.

**2.** (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, it-tifsiriet fl-Att u fid-Dokument F ta' Gwida Teknika msemmi fir-regolament 5, għandhom ukoll japplikaw.

(2) Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti u kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, dawn it-tifsiriet li ġejjin għandhom japplikaw:

"applikazzjoni dwar il-permess tal-iżvilupp" tfisser applikazzjoni għal permess tal-iżvilupp maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skont l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 504.

"*asset rating*" tfisser stima tar-rendiment tal-enerġija bażata fuq:

(a) *data* tal-bini kif attwalment ġie mibni;

(b) kalkoli ta' kemm enerġija tiġi użata fil-bini għal

tisħin, tkessiħ, ventilazzjoni, misħun u dawl; u

(ċ) *data* standardizzata f'dak li għandu x'jaqsam ma' klima interna u esterna u l-użu tal-bini u li tirrappreżenta l-potenzjal intrinsiku ta' rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini skont kundizzjonijiet standardizzati ta' klima u l-użu tal-bini;

"assessur tal-EPB" tfisser persuna li tkun diġà ġiet reġistrata mal-Awtorità qabel d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jew li tkun ġiet reġistrata b'mod xieraq mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini wara li jkun ikkunsidra li dik il-persuna jkollha:

(a) grad akkademiku fl-arkitettura jew fl-arkittetura u inġinerija ċivili, jew inġinerija ċivili, jew fis-servizzi tal-bini, jew fl-inġinerija mekkanika, jew tal-elettriku, mogħti mill-Univeristà ta' Malta jew grad akkademiku ekwivalenti u li tkun temmet ukoll b'suċċess perjodu ta' taħriġ dwar il-valutazzjoni tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini mibni f'Malta, u li dak it-taħriġ ikun approvat mill-Bord li Jirregola l-Bini; jew

(b) fil-każ ta' ċittadin Ewropew, ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala assessur tal-EPB fi Stat Membru ieħor:

Iżda fil-każ ta' persuna li tkun ġiet Malta biex tipprovdi dawk is-servizzi għal-ewwel darba, l-provditur tas-servizz jew l-assessur tal-EPB għandu, skont ir-regolament 9(1) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, javża lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini b'dikjarazzjoni bil-miktub li għandha ssir minn tal-inqas ġimgħatejn qabel. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi mġedda kull sena jekk il-provditur tas-servizz ikun bi ħsiebu jipprovdi servizzi okkażjonali jew temporanji matul dik is-sena:

L.S. 451.03

Iżda wkoll għall-ewwel provvista ta' servizzi, kemm jekk fuq bażi temporanja kemm permanenti, jew jekk ikun hemm bidla materjali fis-sitwazzjoni sostnuta bid-dokumenti, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista', skont ir-regolament 9(1) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, jeħtieġ li d-dikjarazzjoni u ċ-ċertifikat reġistrat ikollhom id-dokumenti li ġejjin:

(a) prova tan-nazzjonalità tal-provditur tas-servizzi;

(b) attestazzjoni li tkun tiċċertifika li d-detentur jkun stabbilit legalment fi Stat Membru għall-fini li jwettaq l-attivitajiet involuti u li hu ma jkunx projbit, anke temporanjament, milli jipprattika;

(ċ) prova ta' kwalifiki professjonali;

"assessur indipendenti tar-rendiment tal-enerġija" tfisser assessur tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini li ma jkunx is-sid jew inkwilin tal-bini li jkun qed jiġi valutat, jew impjegat tas-sid jew ta' xi kuntrattur responsabbli għall-kostruzzjoni, tlestija u, jew installazzjoni tas-servizzi mekkaniċi jew elettriċi tal-bini li għalih ikun qed jiġi mitlub EPC jew ikunu qegħdin isiru spezzjonijiet tal-bojlers, jew sistemi tad-dawl, ta' tisħin ta' spazji jew tkessiħ ta' spazji;

"l-Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolament tal-Bini; Kap. 513.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi jew xi entità oħra li tkun awtorizzata biex taġixxi f'isimha; Kap. 423.

"l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" tfisser l-Awtorità kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 504.

"bini" tfisser kostruzzjoni msaqqfa u bil-ħitan, li għaliha tintuża l-enerġija biex tkun ikkundizzjonata l-klima interna u li tista' tirreferi għall-bini sħiħ jew parti minnu li tkun ġiet iddisinjata jew mibdula biex tintuża separatament;

"bini b'użu ta' kważi żero enerġija" tfisser bini li jkollu rendiment tal-enerġija tajjeb ħafna kif stabbilit skont l-iSkeda I. Il-kważi żero enerġija jew l-ammont baxx ħafna ta' enerġija meħtieġa għandha tiġi fil-parti maġġuri tagħha minn sorsi ta' enerġija li jkunu jiġġeddu, inkluż minn sorsi ta' enerġija li jkunu jiġġeddu, prodotta fuq il-post jew fil-qrib;

"bini eżistenti" tfisser kull bini li:

(a) jkun diġà nbena qabel id-data li daħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti; jew

(b) ikun qiegħed jiġi mibni jew allokat għall-kostruzzjoni u jkollu permess ta' żvilupp validu skont dawn ir-regolamenti, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir- regolamenti;

"bini ġdid" tfisser kull bini li ma jkunx jaqa' taħt xi kategorija ta' bini eżistenti;

"bini jew fond mhux residenzjali" tfisser kull bini jew fond, jew xi parti minn bini jew fond, li ma jkunx jintuża jew ma jkunx addattat għall-użu residenzjali jew dar ta' abitazzjoni, u li jkun jinkludi bini

industrijali, postijiet ta’ laqgħat, uffiċċji, skejjel u ħwienet;

"bini jew fond residenzjali" tfisser bini jew fond, jew xi parti minn bini jew fond, li jkun jintuża jew ikun addattat għal fini residenzjali jew ta’ abitazzjoni, li jkollu faċilitajiet ta’ rqad, u jkun jinkludi lukanda jew bini istituzzjonali;

"bojler" tfisser il-qafas tal-bojler ikkumbinat mal-unità tal-*burner* li jkunu iddisinjati biex flimkien jittrasmettu s-sħana li toħrog mill-*burner* trasmessa fi fluwidi;

"Bord li Jirregola l-Bini" tfisser il-Bord imwaqqaf bl-artikolu 3 tal-Att;

"ċertifikat dwar ir-rendiment tal-enerġija (EPC)" tfisser ċertifikat maħruġ minn assessur tal-EPB rikonoxxut mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jew minn persuna maħtura minnu, li jkun jindika r-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew ta’ unità ta’ bini. Il-metodoloġija li tintuża mill-assessur tal-EPB għandha tkun konformi mal-metodoloġija adottata skont ir-regolament 4;

"dar ta’ abitazzjoni" tfisser bini jew unità ta’ bini, li tkun tintuża jew li tkun ser tintuża għal finijiet domestiċi u ħafna drabi jkollha faċilitajiet għal ikel, ta’ għixien, irqad, u sanitarji;

"*design rating*" tfisser stima ta’ rendiment tal-enerġija bażata fuq:

(a) kalkoli, li jsiru fl-istadju tad-disinn, tal-enerġija li tkun tintuża fil-bini għal tisħin, tkessiħ, ventilazzjoni, misħun u dawl;

(b) *standard input data* f’dak li għandu x’jaqsam ma’ klima interna u esterna u użu tal-bini; u

(ċ) d-disinn tal-karatteristiċi tal-bini b’mod komplut b’finituri installati b’mod permanenti, tagħmir fiss, *fittings* u installazzjonijiet mekkaniċi u elettriċi li jagħmlu l-bini abitabbli u tajjeb għal użu intiż skont kundizzjonijiet standardizzati ta’ klima u użu tal-bini;

"element tal-bini" tfisser sistema teknika li tintuża fil-bini jew element tal-involukru tal-bini;

"Enemalta" tfisser il-Korporazzjoni Enemalta kif imwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Enemalta; Kap. 272.

"enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu" tfisser enerġija minn

sorsi li jkunu jiġġeddu mhux fossili, b'mod partikolari enerġija mir-riħ, mix-xemx, dik aerotermika, ġeotermika, idrotermika u oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass mill-miżbla, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ u bijogassijiet;

"enerġija primarja" tfisser enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu jew li ma jkunux u li ma tkun għaddiet minn ebda proċess ta' tibdil jew trasformazzjoni;

"inkartament tad-*data* tal-EPC" tfisser inkartament elettroniku li jkun fih rapport dwar ir-riżultat ta' EPA li jkun sar minn assessur tal-EPB u jkun ġie provdut mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini bl-għan li jiġi notifikat lill-Uffiċċju bir-rekord li jkun ser isir jew jiġi aġġornat fir-reġistru tal-EPC fir-rigward ta' xi bini partikolari, u għandu jitqies li jkun jinkludi kull kalkolu u *data* relatata jew dokumenti li jkollu miegħu dak ir-rapport;

"installazzjoni" tfisser sistema li tipprovdi dawl artifiċjali, tisħin tal-ilma, tisħin ta' spazji jew tkessiħ ta' spazji jew ventilazzjoni ta' spazji f'kull kombinazzjoni;

"involukru tal-bini" tfisser l-elementi integrati tal-bini li jifirdu l-intern tiegħu mill-ambjent estern;

"koġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed ta' enerġija termika u enerġija elettrika u, jew mekkanika;

"korp ġuridiku" tfisser korp jew entità ġuridika, bħal assoċjazzjoni, kumpannija, persuna, il-gvern, aġenziji tal-gvern, korporazzjoni, jew istituzzjoni, magħrufa b'isem partikolari u li jkollha personalità distinta u separata minn dik tal-membri tagħha, magħrufa wkoll bħala entità ġuridika;

"korp mhux ġuridiku " tfisser korp jew negozju li jkun proprjetà privata, ħafna drabi tkun proprjetà ta' persuna waħda li jkollha responsabbiltà illimitata peress li n-negozju ma jkunx reġistrat bħala kumpannija u li għal kuntrarju ta' korpi ġuridiċi jkun nieqes mill-personalità ġuridika;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea kif stabbilita bit-Trattat tal-Unjoni Ewropea kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona tal-2009;

"livell ottimali dwar l-infiq" tfisser il-livell tar-rendiment tal-enerġija li jwassal għall-inqas spiża tul iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika tal-bini skont kif ikun stmat, meta:

(a) l-inqas spejjeż jiġu stabbiliti billi tingħata

importanza għall-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-investiment dwar l-enerġija, l-ispejjeż tal-manutenzjoni u tal-operat, inklużi l-ispejjeż u l-iffrankar tal-enerġija, l-kategorija tal-bini involut, il-qligħ mill-enerġija prodotta matul iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika stmat flimkien mal-ispejjeż tar-rimi, meta jkunu japplikaw; u

(b) iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika jiġi stabbilit skont il-bqija taċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika stmat għal bini meta l-ħtiġiet tar-rendiment tal-enerġija jkunu stabbiliti għall-bini kollu, jew għaċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika stmat għal element ta' bini meta l-ħtiġiet tar-rendiment tal-enerġija jkunu stabbiliti għal elementi ta' bini. Il-livell ottimali dwar l-infiq għandu jitqies li jkun inkiseb meta l-analiżi tal-benefiċċju tal-infiq fil-firxa ta' livelli ta' rendiment, ikkalkulat maċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika kif stmat, ikun pożittiv;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-industrija u l-politika tal-bini;

"persuna" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika;

"pompa tas-sħana" tfisser magna, apparat jew installazzjoni li tittrasferixxi s-sħana minn ambjenti naturali bħall-arja, l-ilma jew l-art fil-bini jew applikazzjonijiet industrijali billi jreġġgħu lura l-fluss naturali tas-sħana b'mod li timxi minn temperatura aktar baxxa għal waħda aktar għolja. Fil-każ ta' pompi tas-sħana riversibbli, dawn jistgħu wkoll imexxu s-sħana mill-bini għall-ambjent naturali tal-madwar;

"provditur rikonoxxut dwar taħriġ dwar rendiment tal-enerġija" tfisser persuna li tkun reġistrata mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini u li tkun tipprovdi kors ta' taħriġ dwar rendiment tal-enerġija li jkun rikonoxxut bħala validu mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini;

"rapport ta' rakkomandazzjonijiet" tfisser rapport li jkun sar minn assessur tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini (EPB), li jkun maċ-ċertifikat dwar ir-rendiment tal-enerġija (EPC), li jkun inħadem fuq bażi ta' stima ta' rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew installazzjoni ta' tisħin jew tkessiħ u li jkun fih rakkomandazzjonijiet dwar kif ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew installazzjoni ta' tisħin jew tkessiħ jistgħu jiġu mtejba b'mod li jkun effettiv rigward l-infiq;

"rekord tal-EPC" tfisser l-EPC preżenti jew preċedenti, kull rapport ta' rakkomandazzjonijiet, kull inkartament tad-*data* tal-EPC u

kull *data* jew dokumenti relatati, skont kif jista' jkun il-każ, li jkollhom x'jaqsmu ma' bini jew bojler jew installazzjoni ta' arja kundizzjonata;

"reġistru ta' assessuri tal-EPB" tfisser *database* ta' assessuri tal-EPB li jkunu reġistrati mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini u kull *data* oħra relatata stabbilita, operata, miżmuma u li tkun proprjetà tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini;

"reġistru tal-EPC" tfisser *database* ta' rekords tal-EPC jew *data* relatata jew dokumenti stabbiliti, operati u miżmuma mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini;

"rendiment b'rata effettiva" tfisser l-ogħla rendiment kalorifiku, espress f'kW speċifikat u garantit mill-manifattur bħala dak li jkun ħareġ waqt operazzjoni kontinwa b'ħarsien għall-effiċjenza indikata li tkun tintuża mill-manifattur;

"rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini (EPB)" tfisser l-ammont ta' enerġija li jiġi kalkulat jew imkejjel, meħtieġ biex jilħaq id-domanda ta' enerġija f'dak li għandu x'jaqsam ma' użu tipiku tal-bini, li jkun jinkludi, *inter alia*, enerġija li tkun tintuża għal tisħin, tkessiħ, ventilazzjoni, misħun u dawl;

"sid" tfisser:

(a) persuna li tkun is-sid tal-bini b'mod sħiħ u esklussiv u li billi taġixxi f'isimha, jew bħala aġent għal jew f'isem persuna oħra, tkun intitolata jew għandha tkun hekk intitolata li tirċievi l-kera tal-bini;

(b) meta l-bini jkun soġġett għal użufrutt, is-sid jew l-użufruttwarju;

(ċ) iċ-ċenswalist;

(d) xi ħadd mill-konjuġi, meta l-bini li miegħu jkollu x'jaqsam l-EPC ikun jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

"sistema ta' arja kundizzjonata" tfisser numru ta' komponenti magħqudin li jkunu meħtieġa biex tiġi provduta forma ta' trattament tal-arja interna, li permezz tagħhom it-temperatura tiġi kontrollata jew tkun tista' titbaxxa;

"sistema tal-EPC" tfisser ir-reġistri, proċeduri u regoli stabbiliti, operati u miżmuma mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini bil-għan li tamministra l-EPCs u attivitajiet li jkollhom x'jaqsmu skont dawn ir-regolamenti;

"sistema teknika li tkun tintuża fil-bini" tfisser tagħmir tekniku li jkun jipprovdi għat-tisħin, għat-tkessiħ, għall-ventilazzjoni, għall-misħun, għad-dawl jew għal taħlita ta' dawn, ta' bini jew unità ta' bini;

"*standard* Ewropew" tfisser *standard* li jiġi adottat mill-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni, il-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni Elettroteknika jew l-Istitut Ewropew dwar l-I*standards* tat-Telekomunikazzjoni, u li jkun disponibbli għall-użu pubbliku;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea;

"stima tar-rendiment tal-enerġija (EPA)" tfisser stima tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew tas-sistema mekkanika jew elettrika li tkun saret minn assessur tal-EPB bil-għan li joħroġ EPC;

"tibdil jew rinovazzjonijiet kbar" tfisser tibdil jew rinovazzjoni:

(a) li jkunu jaffettwaw 25% jew aktar tal-volum tal-binja qabel ma jsir dak l-intervent; jew

(b) meta jkunu saru rinovazzjonijiet ta' 25% jew aktar ta' twieqi, soqfa jew ħitan ta' barra; jew

(ċ) meta jkunu saru rinovazzjonijiet ta' 25% jew aktar ta' xi installazzjoni li tkun tikkonsma l-enerġija għal sistemi ta' dwal artifiċjali, jew għal tisħin tal-arja jew tal-ilma, jew ventilazzjoni ta' spazji; jew

(d) meta tkun ġiet ippreżentata lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar applikazzjoni għal tibdil fl-użu ta' l-ippjanar, ħlief għal każijiet kollha esklużi bir-regolament 5(5);

"tisħin distrettwali" jew "tkessiħ distrettwali" tfisser id-distribuzzjoni ta' enerġija termika f'forma ta' fwar, ilma sħun, likwidi mkessħin jew likwidi oħra, minn sors ta' produzzjoni ċentrali permezz ta' netwerk lejn il-bini jew siti multipli, għall-użu ta' tisħin jew tkessiħ ta' spazju jew proċess;

"uffiċjal awtorizzat" tfisser persuna awtorizzata mid-Direttur tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini biex jissorvelja u jiżgura ħarsien għal dawn ir-regolamenti;

"l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt l-artikolu 2(1) tal-Att;

"unità ta' bini" tfisser taqsima, sular jew appartament f'bini li tkun iddisinjata jew mibdula biex tkun tista' tintuża separatament;

" xerrej jew kerrej prospettiv " tfisser persuna li:

(a) tkun fil-proċess li tidħol fi ftehim ta' bejgħ ma' persuna oħra jew mal-aġent ta' dik il-persuna bl-għan li tixtri bini; jew

(b) tidħol fi ftehim ta' konvenju ma' persuna oħra jew mal-aġent ta' dik il-persuna l-oħra bl-għan li tixtri bini; jew

(ċ) tidħol f'kuntratt ta' kirja, kemm verbalment, kemm bil-miktub, biex tikri bini;

"żona ta' art li tkun utili" tfisser żona li tkun meħtieġa biex isiru l-attivitajiet fil-bini involut u tkun tinkludi spazji ta' stennija u ċirkolazzjoni u tkun teskludi garaxijiet, spazji ta' ħażna, kmamar ta' impjanti u btieħi.

**3.** Dawn ir-regolamenti jipprovdu għal ħtiġiet f'dak li għandu x'jaqsam ma': Applikabbiltà.

(a) l-qafas ġenerali komuni għal metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment tal-enerġija fl-użu integrat ta' bini u ta' unitajiet ta' bini;

(b) l-applikazzjoni tal-ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija fl-użu ta' bini ġdid u ta' unitajiet ta' bini ġdid;

(ċ) l-applikazzjoni tal-ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija fl-użu ta':

(i) bini eżistenti, unitajiet ta' bini u elementi tal-bini li jkunu soġġetti għal rinovazzjoni maġġuri;

(ii) elementi tal-bini li jkunu jiffurmaw parti mill-involukru tal-bini u li jkollhom impatt sinifikanti fuq ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-involkru tal-bini meta jkunu rranġati jew mibdula; u

(iii) sistemi tekniċi tal-bini kull meta dawn jiġu installati, mibdula jew imtejba;

(d) pjanijiet nazzjonali għal żjieda fin-numru ta' bini b'użu ta' enerġija kważi żero;

(e) ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini

jew ta' unitajiet tal-bini;

(f) spezzjoni regolari tas-sistemi tat-tisħin u tal-arja kundizzjonata fil-bini;

(ġ) sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati dwar ir-rendiment tal-enerġija u rapporti ta' spezzjonijiet.

Adozzjoni ta' metodoloġija għal kalkolu tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini.

**4.** Il-metodoloġija għall-kalkolu tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini għandha issir skont l-istruttura ġenerali komuni stabbilita fi Skeda I.

Twaqqif ta' ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija.

**5.** (1) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jistabbilixxi ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew unitajiet ta' bini b'għan li jinkisbu livelli ottimali dwar l-infiq. Ir-rendiment tal-enerġija għandu jiġi kalkulat skont il-metodoloġija msemmija fir-regolament 4. Il-livelli ottimali dwar l-infiq għandhom jiġu kalkulati skont il-qafas ta' metodoloġija mqabbla msemmija fir-regolament 6. Għandha wkoll issir referenza għad-Dokument F dwar Gwida Teknika dwar l-EPB ippubblikat permezz tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 1002 tal-2006, kif tista' minn żmien għal żmien tiġi emendata, kif il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jistabbilixxi.

(2) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jistabbilixxi ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija fl-użu ta' elementi ta' bini li jkunu jiffurmaw parti mill-involukru tal-bini u li jkollhom impatt sinifikanti fuq ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-involkru tal-bini meta jiġu mibdula jew rinovati, bil-għan li jinkisbu livelli ottimali dwar l-infiq.

(3) Meta jistabbilixxi l-ħtiġiet, il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jagħmel distinzjoni bejn bini ġdid u eżistenti u bejn kategoriji differenti ta' bini. Dawn il-ħtiġiet għandhom jingħataw importanza f'dak li għandu x'jaqsam ma' kundizzjonijiet ġenerali tal-klima ta' ġewwa, biex jiġu evitati effetti x'aktarx negattivi bħal ventilazzjoni mhux adatta, kif ukoll il-kundizzjonijiet lokali u l-funzjoni mogħtija u ż-żmien li jkollu l-bini.

(4) Il-ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari li m'għandhomx ikunu itwal minn ħames snin u, jekk ikun meħtieġ, għandhom jiġu aġġornati sabiex jirriflettu l-progress tekniku fis-settur tal-bini.

(5) Il-kategoriji ta' bini li ġejjin għandhom jiġu eżentati mill-ħtiġiet minimi ta' dawn ir-regolamenti:

(a) bini protett uffiċjalment bħala parti minn ambjent imfassal jew minħabba fil-mertu speċjali arkitettoniku jew storiku tiegħu, kemm-il darba l-ħarsien għal ċerti ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija ma jkunux ibiddlu l-karattru jew l-apparenza tiegħu b'mod li ma jkunx aċċettat;

(b) bini li jkun jintuża bħala postijiet ta' qima;

(ċ) bini temporanju b'perjodu ta' użu ta' sentejn jew inqas, siti industrijali, postijiet tax-xogħol u bini agrikolu mhux residenzjali b'domanda baxxa ta' enerġija u bini agrikolu mhux residenzjali li jkun jintuża minn settur kopert minn ftehim settorjali dwar ir-rendiment tal-enerġija;

(d) bini maqtugħ għalih b'żona totali ta' art li tkun tintuża, ta' inqas minn $40m^2$;

(e) bini klassifikat bħala proprjetà skedata (Grad 1) mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar skont l-artikolu 81 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 504.

(f) bini, li l-kostruzzjoni tiegħu tkun soġġetta għar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra; L.S. 33.03

(ġ) bini kostruwit għall-użu tal-Korporazzjoni Enemalta, l-Korporazzjoni dwar is-Servizzi tal-Ilma jew entità oħra simili, u li jkun jintuża bħala faċilità għall-ġenerazzjoni, trasmissjoni jew distribuzzjoni;

(h) serer li jkunu jintużaw biss għall-finijiet agrikoli;

(i) bini kostruwit għall-użu tal-Forzi Armati ta' Malta f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħtiġiet militari tagħhom.

Kalkolu ta' livelli ottimali ta' nfiq ta' ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija.

**6.** (1) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jistabbilixxi l-livelli ottimali ta' nfiq li huma *standard* u bażati fuq skala makro-ekonomika u skala mikro-ekonomika ta' ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija billi jintuża l-qafas ta' metodoloġija mqabbla stabbilit skont l-iSkeda III u parametri rilevanti, bħal kundizzjonijiet ta' klima u aċċessibilità prattika ta' infrastruttura tal-enerġija, u jqabbel ir-riżultati ta' dawn l-i*standards* mal-ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija stabbiliti fid-Dokument F ta' Gwida Teknika.

(2) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jirrapporta lill-Kummissjoni kull dħul ta' *data* u assunzjonijiet li jkunu ntużaw għal dawk l-i*standards* u r-riżultati tagħhom. Ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija (EEAP) msemmija fir-regolament 13(2) and (3) tar-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Użu Finali tal-Enerġija u dwar Servizzi ta' Enerġija. Dan ir-rapport għandu jiġi preżentat lill-Kummissjoni f'perjodi regolari, li m'għandhomx ikunu ta' aktar minn ħames snin. L-ewwel rapport għandu jiġi preżentat fil-21 ta' Marzu, 2013.

L.S. 423.34

(3) Jekk ir-riżultat tal-paragun li jkun sar skont is-subregolament (2) ikun juri li l-ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija li jkunu fis-seħħ ikunu b'mod sinifikanti inqas effiċjenti fl-użu tal-enerġija mill-livelli ottimali ta' nfiq ta' ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija, il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini għandu jiġġustifika din id-differenza bil-miktub lill-Kummissjoni fir-rapport imsemmi fis-subregolament (2). Dak ir-rapport għandu, kemm-il darba d-differenza ma tkunx tista' tiġi ġġustifikata, jkollu miegħu pjan li jkun jistabbilixxi passi adatti biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-differenza sar-reviżjoni li jkun imiss tal-ħtiġiet minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija kif imsemmi fir-regolament 5(1), (2), (3) u (4).

Bini ġdid.

**7.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini b'kollaborazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi meħtieġa biex jistabbilixxu sistema ta' moniteraġġ, fejn il-ħtiġiet minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti skont ir-regolament 5, għal bini ġdid u bini li ser ikun qed isir tibdil maġġuri fih, għandhom jiġu milħuqa u infurzati.

(2) Għal bini ġdid, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini b'kollaborazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandhom jistabbilixxu sistema fejn tiġi kunsidrata u meqjusa l-vijabilità teknika, ambjentali u ekonomika ta' sistemi alternattivi ta' effiċjenza għolja bħal dawk elenkati hawn taħt, jekk ikunu disponibbli, u dan fl-istadju ta' applikazzjoni min-naħa tad-disinjatur:

(a) sistemi ta' provvista deċentralizzata tal-enerġija bażata fuq enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu;

(b) koġenerazzjoni;

(ċ) tisħin jew tkessiħ ta' distrett jew ta' blokk, jekk ikunu disponibbli, b'mod partikolari meta jkunu bażati parzjalment jew għal kollox fuq enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu;

(d) pompi tas-sħana.

(3) L-analiżi tas-sistemi alternattivi msemmija fis-subregolament (2) għandha tkun dokumentata u disponibbli għal finijiet ta' verifika. Dik l-analiżi ta' sistemi alternattivi tista' ssir għal bini individwali jew għal gruppi ta' bini simili jew bini b'tipoloġiji komuni li jkunu fl-istess żona. Kemm-il darba jkollhom x'jaqsmu ma' sistemi kollettivi ta' tisħin jew tkessiħ, l-analiżi tista' ssir għall-bini kollu li jkun mqabbad mas-sistema fl-istess żona.

**8.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu, b'kollaborazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, jieħu l-miżuri amministrattivi meħtieġa biex jistabbilixxi sistema biex isir monitoraġġ u infurzar tat-titjib tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew, f'każ ta' bini li għaddej minn rinovazzjoni maġġuri, l-parti minnu rinovata sabiex tilħaq il-ħtiġiet għar-rendiment tal-enerġija stabbiliti skont ir-regolament 5 kemm-il darba dan ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament vijabbli. Bini eżistenti.

(2) Dawk il-ħtiġiet għandhom jiġu applikati għall-bini rinovat jew l-unità tal-bini bħala ħaġa waħda. Barra minn hekk jew alternattivament, jistgħu jiġu applikati ħtiġiet għall-elementi rinovati tal-bini.

(3) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jistabbilixxi dawn il-ħtiġiet minimi għar-rendiment tal-enerġija skont ir-regolament 3. Il-Bord li Jirregola l-Bini u l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandhom, b'kollaborazzjoni mal-Awtorità, jinkoraġġixxu, f'dak li għandu x'jaqsam ma' bini li jkun għaddej minn rinovazzjoni maġġuri, sistemi alternattivi ta' effiċjenza għolja, kif imsemmi fir-regolament 7(2), kemm-il darba dan ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament vijabbli.

**9.** (1) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu, bl-għan li jtejjeb bl-aħjar mod l-użu tal-enerġija tas-sistemi tekniċi fil-bini, jistabbilixxi ħtiġiet ta' sistema f'dak li għandu x'jaqsam ma' rendiment ġenerali tal-enerġija, l-installazzjoni korretta, u d-dimensjonament, l-aġġustament u l-kontroll adatti tas-sistemi tekniċi fil-bini li jiġu nstallati fil-bini eżistenti. Dawk il-ħtiġiet tas-sistema jistgħu jiġu applikati wkoll għal bini ġdid. Sistemi tekniċi ta' bini.

(2) Ħtiġiet tas-sistema għandhom jiġu stabbiliti għal tiġdid, bidla u titjib ta' sistemi tekniċi fil-bini u għandhom jiġu applikati kemm-il darba huma jkunu teknikament, ekonomikament u funzjonalment vijabbli.

(3) Il-ħtiġiet tas-sistema għandhom ikopru minn tal-inqas dan li ġej:

(a) sistemi ta’ tisħin;

(b) sistemi ta’ misħun;

(ċ) sistemi ta’ arja kundizzjonata;

(d) sistemi ta’ ventilazzjoni kbar;

(e) jew taħlita ta’ dawk is-sistemi.

(4) Meta l-gwidi li jinsabu f’xi dokument ta’ gwida teknika li jkun inħareġ f’dak li għandu x’jaqsam ma’ dawn ir-regolamenti jkollhom x’jaqsmu biss mal-ħtiġiet partikolari ta’ dawn ir-regolamenti, kull xogħol ta’ kostruzzjoni u l-installazzjoni ta’ xi servizzi permanenti mekkaniċi jew elettriċi, għandhom ukoll ikunu konformi mal-ħtiġiet ta’ kull liġi u regolamenti oħra li jkunu japplikaw għall-kontroll ta’ xogħol ta’ kostruzzjoni u installazzjonijiet.

L.S. 423.22

(5) Il-Ministru għandu jħeġġeġ l-introduzzjoni ta’ sistemi programmatiċi ta’ *metering*, filwaqt li jiżgura kull meta l-bini jiġi mibni u ssirlu rinovazzjoni maġġuri, filwaqt li jiżgura li dan l-inkoraġġiment ikun konformi mal-paragrafu 2 tat-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Elettriku, rigward miżuri dwar protezzjoni tal-klijent.

Bini b’użu ta’ enerġija kważi żero.

**10.** (1) Il-Bord li Jirregola l-Bini għandu jistabilixxi sistema ta’ monitoraġġ u infurzar sabiex qabel il-31 ta’ Diċembru 2018:

(a) kull bini ġdid ikun bini li jkun juża enerġija kważi żero; u

(b) bini ġdid li jkun okkupat u jkun proprjetà ta’ awtoritajiet pubbliċi jkun bini li jkun juża enerġija kważi żero.

(2) L-Awtorità, b’kollaborazzjoni mal-Bord li Jirregola l-Bini u l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, għandha tfassal Pjanijiet ta’ Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija (NEEAP) u pjanijiet nazzjonali oħrajn, jekk ikun meħtieġ, bil-għan li jkunu koperti pjanijiet fil-futur, biex jiżdied in-numru ta’ bini li jkun juża enerġija kważi żero.

(3) Il-Bord għandu wkoll jiżviluppa politiċi u jieħu miżuri bħal twaqqif ta' miri biex jistimulaw t-trasformazzjoni ta' bini li jiġi rinovat f'bini li jkun juża enerġija kważi żero, u għandu jħejji rapporti li jinkludu fihom dawk il-miżuri u javża lill-Awtorirà u lill-Kummissjoni dwar dawn ir-rapporti. Meta tiġi notifikata b'dawn ir-rapporti, l-Awtorità għandha tinkludi l-imsemmija miri fil-Pjanijiet ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija msemmija fis-subregolament (2), kif stabbiliti fir-regolament 13(2) and (3) tar-Regolamenti dwar l-Effiċjenza fl-Użu Finali tal-Enerġija u dwar Servizzi ta' Enerġija u tinforma lill-Kummissjoni dwar dawk il-miri. L.S. 423.34

(4) Il-pjanijiet nazzjonali għandhom jinkludu, *inter alia*, dawn l-elementi li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni dettaljata fil-prattika tal-Awtorità f'dak li għandu x'jaqsam mat-tifsira ta' bini li jkun juża enerġija kważi żero, li jkun jirrifletti l-kundizzjonijiet nazzjonali, u jkun jinkludi indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja li tiġi stabbilita f'kWh/$m^2$ fis-sena. Il-fatturi tal-enerġija primarja li jkunu jintużaw biex jiġi stabbilit l-użu tal-enerġija primarja jistgħu jkunu bażati fuq valuri medji nazzjonali ta' kull sena u tista' tingħata importanza għal *standards* Ewropej rilevanti;

(b) miri intermedji għat-titjib tar-rendiment tal-enerġija fl-użu ta' bini ġdid sal-2015, bil-għan li tiġi preparata l-implimentazzjoni tas-subregolament (2);

(ċ) informazzjoni dwar il-politiċi u miżuri finanzjarji jew oħrajn adottati fil-kuntest tas-subregolamenti (2) u (3) għall-promozzjoni ta' bini li jkun juża enerġija kważi żero, inklużi dettalji tal-ħtiġiet nazzjonali u miżuri dwar l-użu ta' enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu f'bini ġdid u bini eżistenti li jkun qed jgħaddi minn rinovazzjoni maġġuri fil-kuntest tar-regolamenti 10, 11 and 17(5) tar-Regolamenti dwar il-Promozzjoni tal-Enerġija minn Sorsi li Jiġġeddu. L.S. 423.19

Inċentivi finanzjarji u ostakli fis-suq.

**11.** (1) Fid-dawl tal-importanza li tipprovdi finanzjarjment xieraq u strumenti oħra biex tikkattalizza r-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u t-transizzjoni għal bini li jkun juża enerġija kważi żero, l-Awtorità għandha tieħu l-passi xierqa biex tikkunsidra l-aktar strumenti rilevanti fi ħdan iċ-ċirkustanzi nazzjonali.

(2) L-Awtorità, b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, għandha tagħti importanza lil-livelli ottimali dwar l-infiq tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini meta tkun qiegħda tipprovdi inċentivi għall-kostruzzjoni jew għar-rinovazzonijiet maġġuri tal-bini għal dawk il-konsumaturi li jkunu jridu jużaw ir-riżorsi tal-enerġija bl-aħjar mod possibbli.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti m'għandhomx iwaqqfu lill-Awtorità milli tipprovdi inċentivi għal bini ġdid, rinovazzjonijiet jew elementi tal-bini li jmorru lil hinn mil-livelli ottimali dwar l-infiq.

Ċertifikati dwar ir-rendiment tal-enerġija (EPCs).

**12.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jipprovdi l-miżuri kollha meħtieġa biex jistabilixxi u jżomm sistema ta' reġistrazzjoni tal-EPC. L-EPC għandu jinkludi l-EPB u valuri ta' referenza bħal, ħtiġiet minimi tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini, biex ikun possibbli għas-sidien jew għal sid il-kera tal-bini jew unità tal-bini, biex iqabblu u jevalwaw ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini.

(2) L-EPC jista' jinkludi informazzjoni ulterjuri bħal dak l-ammont tal-konsum tal-enerġija fuq bażi annwali għall-bini li mhux residenzjali u l-perċentwali ta' sorsi ta' enerġija li jkunu jiġġeddu fil-konsum totali tal-enerġija.

(3) L-EPC għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-EPB jew unità ta' bini fuq il-bażi ta' livelli ottimali u effettivi dwar l-infiq, kemm-il darba ma jkunx hemm potenzjal raġonevoli għal titjib meta mqabbel mal-ħtiġiet tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini li tkun teżisti. Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-EPC għandhom ikopru:

(a) miżuri li għandhom jitwettqu f'dak li għandu x'jaqsam ma' rinovazzjonijiet maġġuri tal-involukru tal-bini jew sistema(i) tekniċi tal-bini; u

(b) miżuri għal elementi tal-bini individwali li jkunu indipendenti minn rinovazzjoni maġġuri tal-involukru tal-bini jew sistema(i) tekniċi tal-bini.

(4) Ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-EPC għandhom ikunu teknikament fattibbli għal dak il-bini speċifiku u jistgħu jipprovdu stima għall-varjazzjoni ta' perjodi ta' rimborż u benefiċċji tal-infiq fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ekonomika tiegħu.

(5) L-EPC għandu jipprovdi indikazzjoni meta s-sid jew sid il-kera jkun jista' jirċievi informazzjoni aktar dettaljata, li tkun tinkludi rakkomandazzjonijiet dwar l-effettività tal-infiq li tkun saret fl-EPC. L-evalwazzjoni tal-effettività tal-infiq għanda tiġi bażata fuq kundizzjonijiet li jkunu *standard*, bħal l-evalwazzjoni tat-tfaddil u prezzijiet tal-enerġija u tbassir ta' nfiq perliminarju.

(6) Barra minn hekk, l-EPC għandu jkollu informazzjoni dwar il-passi li jridu jittieħdu biex jiġu implimentati ir-rakkomandazzjonijiet. Informazzjoni oħra bħal verifki tal-enerġija,

inċentivi kemm jekk finanzjarji u kemm ta' xort'oħra u possibilitajiet finanzjarji jistgħu wkoll jiġu provduti mis-sid jew minn sid il-kera.

(7) Ċertifikazzjoni għal unitajiet ta' bini jistgħu jkunu bbażati:

(a) fuq ċertifikat komuni tal-bini kollu; jew

(b) fuq l-evalwazzjoni ta' unità rapprezentativa ta' bini ieħor mal-istess karatteristiċi rilevanti ta' enerġija fl-istess bini.

(8) Ċertifikazzjoni għal djar b'familja waħda jistgħu jiġu bażati fuq l-evalwazzjoni ta' unità rappreżentativa ta' bini ieħor b'disinn u daqs simili, kif ukoll bi kwalità ta' rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini attwali u simili, jekk dik is-similarità tkun tista' tiġi garantita minn espert li joħroġ l-EPC.

Ħruġ ta' ċertifikati tar-rendiment tal-enerġija (EPCs).

**13.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jistabbilixxi u jżomm sistema biex ikun hemm monitoraġġ u infurzar ta' kif jinħareġ EPC għal:

(a) bini jew unitajiet ta' bini li jkunu mibnija, mibjugħa jew mikrija lil kerrej ġdid li jkunu nxtraw jew ikunu okkupati privatament;

(b) bini fejn żona ta' art b'użu totali ta' aktar minn 500m$^2$ tkun okkupata minn awtorità pubblika u tkun frekwentata ta' spiss mill-pubbliku. Dak il-kejl ta' 500 m$^2$ għandu jitnaqqas għal 250 m$^2$ wara d-9 ta' Lulju 2015.

(2) Il-ħtieġa li jinħareġ EPC ma tapplikax meta ċertifikat, li jkun inħareġ skont dawn ir-regolamenti għal bini jew għal unità ta' bini involut, tkun disponibbli u valida sad-data ta' skadenza taċ-ċertifikat.

(3) Is-sid tal-bini għandu jiżgura li meta bini jew unitajiet ta' bini jiġu mibnija, mibjugħa jew mikrija, l-EPC jew kopja tiegħu tiġi murija lil kerrej jew xerrej prospettiv u mogħtija lil dak il-kerrej jew xerrej, sa mhux aktar tard mid-data tal-konvenju jew meta jsir il-kuntratt tal-kiri.

(4) Bħala deroga mis-subregolamenti (1) u (3), meta bini jiġi mibjugħ jew mikri qabel ma jinbena, il-bejjiegħ għandu jipprovdi *design rating* tal-EPC għall-bini u f'dak il-każ għandu jingħata lix-xerrej jew lill-kerrej meta jkun lest il-bini, u ebda tibdil m'għandu jsir għall-karatteristiċi tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini speċifikat fiċ-ċertifikat. Jekk ikun sar tibdil li jbiddel il-karatteristiċi tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini waqt il-kostruzzjoni tal-bini, EPC ġdid għandu jiġi provdut lix-xerrej jew lill-kerrej.

(5) Is-sid jew l-aġent tiegħu għandu jiżgura li meta bini jew unitajiet ta' bini li jkollhom EPC jiġu offruti għall-bejgħ jew għall-kiri, l-indikatur tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jew tal-unitajiet tal-bini fl-EPC, kif jista' jkun il-każ, għandu jkun imniżżel f'riklamar tax-xandir kummerċjali.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom jiġu implimentati skont ir-regoli nazzjonali li jkunu japplikaw għal proprjeta' konġunta jew komuni.

(7) Il-kategoriji tal-bini msemmija fir-regolament 5(5) għandhom jiġu esklużi mill-applikazzjoni tas-sub-regolamenti (1), (3), (5) u (6).

Ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija (EPC) u stima tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini (EPA).

**14.** (1) Is-sid jew l-aġent tiegħu għandu jikseb EPC fil-forma stabbilita skont dawn ir-regolamenti meta l-bini jiġi kostruwit, mibjugħ jew mikri.

(2) L-EPC għandu jinkiseb minn assessur tal-EPB indipendenti wara li jiġi reġistrat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, biex ikun validu.

(3) Sa mid-data murija f'dan is-subregolament, persuna jew aġent li jaġixxi f'isem is-sid li jipprovdi d-disinn ta' bini ġdid għandu jkollu fil-pussess tiegħu EPC bażat fuq *design rating* ta' bini fil-forma stabbilita skont dawn ir-regolamenti sad-data meta dik il-persuna jew aġent tippreżenta applikazzjoni ta' permess għal żvilupp totali lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar:

(a) mit-tnejn ta' Jannar, 2009 f'dak li għandu x'jaqsam ma' djar ta' abitazzjoni; u

(b) mill-ewwel ta' Ġunju, 2009, f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull bini ieħor.

(4) Sa mid-data murija f'dan is-subregolament, persuna jew aġent li jaġixxi f'isem is-sid li joffri bini għall-bejgħ jew kera għandu jipprovdi EPC lix-xerrej jew lill-kerrej prospettiv fil-perjodu tal-konvenju jew fil-waqt li jkun iffirma l-kuntratt tal-kera, jew ta bejgħ. L-EPC għandu jkun fil-forma stabbilita skont dawn ir-regolamenti u għandu jkun bażat fuq *design rating* tal-bini jekk il-bini ma jkunx għadu nbena u, jew tlesta, jew fuq *asset rating*, jekk il-bini jkun diġà nbena u tlesta:

(a) mit-tnejn ta' Jannar, 2009 f'dak li għandu x'jaqsam ma' djar ta' abitazzjoni; u

(b) mill-ewwel ta' Ġunju, 2009, f'dak li għandu

x'jaqsam ma' kull bini ieħor.

(5) Fil-każ li persuna jew aġent imsemmija fis-subregolament (4) ma jipprovdix EPC lix-xerrej jew lill-kerrej prospettiv fil-perjodu msemmi fis-subregolament (4), ix-xerrej jew il-kerrej għandu d-dritt li jingaġġa assessur biex joħroġ iċ-ċertifikat neċessarju u, f'kull każ, ix-xerrej jew il-kerrej prospettiv għandu d-dritt li jnaqqas l-ispejjeż li jkunu ntnefqu għall-ħruġ tal-EPC mill-ammont tas-somma miftehma għall-bejgħ jew għall-pagamenti li jkunu dovuti għall-kera.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), (2), (3) u (4), l-akkwist ta' EPC m'għandux japplika għall-kategoriji ta' bini li ġejjin:

(a) bini klassifikat bħala proprjetà skedata (Grad Wieħed) jew (Grad Tnejn) mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar taħt l-artikolu 81 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; Kap. 504.

(b) bini, li l-kostruzzjoni tiegħu tkun soġġetta għar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra; L.S. 33.03

(ċ) bini li jkun inbena għall-Korporazzjoni tal-Enemalta, l-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma jew entità oħra simili, u li tkun tintuża bħala stazzjon ta' ġenerazzjoni, trasmissjoni jew distribuzzjoni;

(d) bini, jew partijiet ta' bini, li jkun jakkomoda biss proċessi industrijali jew agrikoli jew trobbija ta' bhejjem li jkunu jeħtieġu ħarsien għar-regolamenti speċifiċi fis-settur;

(e) bini temporanju li ż-żmien ta' użu tiegħu jkun ippjanat għal sentejn jew inqas;

(f) serer li jkunu jintużaw biss għal raġunijiet agrikoli;

(ġ) bini li jkun *stand-alone* b'żona ta' art b'użu totali ta' inqas minn 50 $m^2$;

(h) bini li jkun inbena għal użu mill-Forzi Armati ta' Malta f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħtiġiet militari; u

(i) bini li jintuza bħala post ta' qima.

**15.** (1) EPC li jkun inħareġ skont dawn ir-regolamenti għandu jkun validu għal żmien għaxar snin mid-data meta jkun inħareġ għall-ewwel darba, kemm-il darba ma jkunx sar xi restawr

Dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' EPC.

jew tibdil fil-bini.

(2) L-EPC għandu jinkludi valuri ta' referenza u għandu jkollhom rapport ta' rakkomandazzjonijiet. Dak ir-rapport ta' rakkomandazzjonijiet għandu jindika miżuri ekonomiċi għat-titjib tal-EPB.

(3) Kull rapport jew inkartament tad-*data* f'dak li għandu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' EPC għandu jkun konformi mal-liġiijet dwar il-protezzjoni u l-privatezza tad-*data* nazzjonali, li jkunu fis-seħħ.

(4) Jekk wara l-kostruzzjoni tal-bini jew l-installazzjoni ta' servizzi mekkaniċi u elettriċi f'bini ġdid jirriżulta illi din il-kostruzzjoni jew installazzjoni ta' servizzi tkun differenti mid-disinn li għalih ikun inkiseb *design rating* EPC, EPC ġdid bażat fuq l-*asset rating* tal-bini għandu jiġi żgurat mis-sid qabel ma jiskadi ż-żmien imsemmi fir-regolament 14(4). Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 14(5) għandhom japplikaw ukoll.

Appartamenti jew djar ta' abitazzjoni ddisinjati għal użu separat.

**16.** (1) Għal appartamenti u djar ta' abitazzjoni ddisinjati jew mibdula għal użu separat fi blokkijiet li jkollhom sistemi ta' tisħin tal-ilma, tisħin ta' spazju jew tkessiħ ta' spazju komuni jew identiku, l-EPC jista' jinħareġ jew għal bini kollu kemm hu jew fuq valutazzjoni ta' appartament jew dar rappreżentattivi fl-istess blokk.

(2) Għal appartamenti jew djar ta' abitazzjoni ddisinjati jew mibdula għal użu separat fi blokkijiet li ma jkollhomx sistemi ta' tisħin tal-ilma, tisħin ta' spazju jew tkessiħ ta' spazju, l-EPC għandu jinħareġ għal kull appartament jew dar b'mod individwali.

Wiri ta' ċertifikati tat-rendiment tal-enerġija.

**17.** (1) Meta żona ta' art ta' aktar minn 500 $m^2$ ġo bini, li għaliha jkun inħareġ EPC skont ir-regolament 12(1)(b), tkun okkupata minn awtoritajiet pubbliċi u jkunu sarulha żjarat frekwenti mill-pubbliku, l-EPC irid jiġi eżebit f'post prominenti, viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku. F'dak il-każ il-qies għandu jonqos għal 250$m^2$ sad-9 ta' Lulju, 2015.

(2) Meta żona ta' art ta' aktar minn 500 $m^2$ fil-bini, li għaliha jkun inħareġ EPC skont ir-regolament 12(1)(b), jkunu sarulha żjarat frekwenti mill-pubbliku, l-EPC għandu wkoll jiġi eżebit f'post prominenti, viżibbli b'mod ċar għall-pubbliku.

(3) Awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu importanza lir-rwol prinċipali li huma għandhom jeżerċitaw fil-qasam tal-EPB, *inter alia*, billi jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-EPC maħruġ għal bini okkupat minnhom fiż-żmien tal-validità tagħhom. L-Awtorità b'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini

għandha, skont dawn ir-regolamenti u liġijiet nazzjonali oħra, meta jkun japplika, kif ukoll soġġetta għal Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Effiċjenza tal-Enerġija, tiġbor l-informazzjoni u statistiċi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward u f'dak li għandu x'jaqsam mar-rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu implimentati mill-awtoritajiet pubbliċi, u li għandhom jiġu nklużi fl-EPCs tagħhom.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx jinkludu obbligu minn naħa tal-Awtorità biex teżebixxi r-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-EPC.

Spezzjoni ta' sistemi ta' sħana.

**18.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jipprovdi l-miżuri kollha meħtieġa biex jistabbilixxi u jżomm sistema għar-reġistrazzjoni ta' ċertifikati f'dak li għandu x'jaqsam ma' spezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi li jkunu jintużaw biex isaħħnu l-bini, bħal dak tal-ġeneratur tas-sħana, sistema ta' kontroll u pompi ċirkulatorji ma' bojlers li jkollhom rendiment b'rata effettiva għall-finijiet ta' tisħin ta' spazju li hi aktar minn 20 kW.

(2) Din l-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza tal-bojler u d-daqs tal-bojler meta mqabbla ma' ħtiġiet ta' sħana tal-bini. Il-valutazzjoni tad-daqs tal-bojler m'għandiex għalfejn tiġi ripetuta, kemm-il darba ma jkunx sar tibdil fis-sistemi tas-sħana jew fil-ħtiġiet tas-sistema tas-sħana tal-bini.

(3) Il-frekwenza ta' dawk l-ispezzjonijiet għandha tonqos u tizdied kif ikun xieraq meta jkun hemm sistema elettronika ta' monitoraġġ u kontroll. L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jirregola l-frekwenza differenti ta' meta jsiru spezzjonijiet skont it-tip u r-rendiment b'rata effettiva tas-sistema tas-sħana filwaqt illi tingħata importanza għall-ispejjez tal-ispezzjoni tas-sistema tas-sħana u t-tfaddil stmat fuq l-ispejjez tal-enerġija li jistgħu jirriżultaw mill-ispezzjoni.

(4) Sistemi ta' sħana li jkollhom bojlers u li jkollhom rendiment b'rata effettiva ta' aktar minn 100 kW għandhom jiġu spezzjonati minn tal-inqas kull sentejn. Fil-kaz ta' bojlers tal-gas, dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal erba' snin.

Spezzjoni ta' sistemi ta' arja kundizzjonata.

**19.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jipprovdi l-miżuri kollha meħtieġa biex jistabbilixxi u jżomm sistema għar-reġistrazzjoni ta' ċertifikati f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispezzjoni regolari tal-partijiet aċċessibbli tas-sistemi tal-arja kundizzjonata, li jkollhom rendiment b'rata effettiva ta' aktar minn 12 kW. Il-frekwenza ta' dawk l-ispezzjonijiet għandha tonqos jew

tiżdied kif adatt, meta xi monitoraġġ elettroniku u sistema ta’ kontroll ikunu saru.

(2) Dik l-ispezzjoni għandha tinkludi valutazzjoni tal-effiċjenza tal-arja kundizzjonata u d-daqs meta mqabbla mal-ħtiġiet ta’ kesħa tal-bini. Il-valutazzjoni tad-daqs m’għandiex tiġi ripetuta kemm-il darba ma jkun sar ebda tibdil fis-sistema tal-arja kundizzjonata jew fil-ħtiġiet tas-sistema ta’ kesħa tal-bini.

(3) Il-Bord li Jirregola l-Bini jista’ jirregola l-frekwenza differenti ta’ meta jsiru spezzjonijiet skont it-tip u r-rendiment b’rata effettiva tas-sistema tal-arja kundizzjonata, filwaqt illi tingħata importanza għall-ispejjeż tal-ispezzjoni tas-sistema tal-arja kundizzjonata u t-tfaddil stmat fuq l-ispejjeż tal-enerġija li jistgħu jirriżultaw mill-ispezzjoni.

(4) Fl-istabbiliment tal-miżuri kif imsemmi fis-subregolamenti (1) u (3), l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu, kemm-il darba dan ikun ekonomikament u teknikament vijabbli, jistabbilixxi u jżomm sistema ta’ monitoraġġ għall-infurzar ta’ spezzjonijiet li għandhom isiru skont l-ispezzjoni tas-sistemi ta’ sħana u sistemi tekniċi oħra kif stabbilit fir-regolament 18 u l-ispezzjoni ta’ rilaxx kif imsemmi fir-Regolament Nru. 842/2006 (KE) tal-Parlament u l-Kunsill Ewropew dwar ċertu gassijiet ta’ tip *flourinate* riżultanti minn serer.

Rapporti fuq spezzjoniijet ta’ sistemi ta’ sħana u ta’ arja kundizzjonata.

**20.** (1) Rapport ta’ spezzjoni għandu jinħareġ wara kull spezzjoni ta’ sistema ta’ sħana jew ta’ arja kundizzjonata. Ir-rapport ta’ spezzjoni għandu jkollu r-riżultat tal-ispezzjoni li tkun saret skont ir-regolamenti 18 u 19 u għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib fin-nefqa tal-ispejjeż għal sistemi tat-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini li jkunu ġew spezzjonati.

(2) Ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu bażati fuq xebħ bejn is-sistema tat-rendiment tal-enerġija spezzjonata fl-użu tal-bini, ma’ sistema li tkun aħjar u aktar ekonomika, u li tkun simili għal sistema fejn komponenti rilevanti jkunu kisbu livell ta’ rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini meħtieġa skont dawn ir-regolamenti. Ir-rapporti ta’ spezzjoni għandhom jingħataw lis-sid jew lil sid il-kera tal-bini.

Produzzjoni tal-EPC.

**21.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista’ jitlob, kemm jekk mis-sid tal-bini, kemm mill-aġent ta’ dak is-sid, il-produzzjoni ta’ EPC f’dak li għandu x’jaqsam mal-bini jew mal-installazzjonijiet fil-bini kif meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, u jekk is-sid tal-bini jew l-aġent ta’ dak is-sid, kif jista’ jkun il-każ, jirrifjuta jew jonqos milli jipproduċi l-EPC mingħajr raġuni motivata, dik il-persuna tkun ħatja ta’ reat, kemm-il darba dik il-persuna ma

tipprovdix l-EPC hekk mitlub fi żmien sittin ġurnata wara li tkun saret it-talba.

(2) Meta persuna tipproduċi EPC lill-uffiċjal awtorizzat iżda tirrifjuta jew tonqos milli tippermetilu jaqra u jeżamina l-EPC, jew ir-rapport li jkollu x'jaqsam miegħu, dik il-persuna jew persuni oħra involuti f'dan il-każ ikunu ħatja ta' reat, u l-uffiċjal awtorizzat jista' jitlob l-isem, id-dokumenti tal-identità, u l-indirizz ta' dik il-persuna jew persuni.

Valutazzjoni tar-rendiment tal-enerġija u akkreditazzjoni.

**22.** (1) Il-valutazzjoni tar-rendiment tal-enerġija u l-akkreditazzjoni għandhom isiru permezz ta' proċeduri, li jkunu jinkludu metodi ta' kalkolu u *software*, approvati mill-Bord li Jirregola l-Bini.

(2) Fit-twettieq tal-EPA ta' bini jew installazzjonijiet, l-assessur għandu jħares kull ordni li tingħata mill-Bord li Jirregola l-Bini fir-rigward tal-mod ta' kif għandha ssir il-valutazzjoni.

(3) Assessur tal-EPB jista' jirrifjuta li jwettaq EPA ta' bini jew installazzjoni jekk fl-opinjoni tiegħu xi parti tal-bini jew installazzjoni tkun f'dik il-kundizzjoni li ma tkunx sigura jew prattika sabiex issir dik il-valutazzjoni.

(4) EPC approvat m'għandux jinħareġ mill-assessur lis-sid tal-bini jew lil aġent tiegħu, kif jista' jkun il-każ, kemm-il darba u sakemm jiġi aċċettat fir-reġistru miżmum mill-Bord li Jirregola l-Bini.

Tħassir ta' EPC.

**23.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jirrevoka EPC u inkartament ta' *data* ta' EPC jew xi rapport li jkun inġabar mill-assessur, meta jkollu raġunijiet motivati biex jaħseb li l-EPC jew l-inkartament ta' *data* jew rapport ma jkunx tlesta jew ma jkunx inħareġ skont dawn ir-regolamenti, u għandu jdaħħal dik ir-revoka fir-reġistru tal-EPC ta' dak il-bini u fir-reġistru miżmum mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

(2) Meta EPC jew inkartament ta' *data* ta' EPC jew rapport jiġi revokat, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu javża lill-assessur tal-EPB, billi jagħti raġunijiet għal din ir-revoka, u għandu javża lill-persuna li tkun provdiet l-EPC u lis-sid jew sid il-kera tal-bini, kif jista' jkun il-każ.

(3) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jitlob, bil-miktub, ir-rinunzja tal-EPC li jkun ġie revokat, fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta tkun saret dik it-talba.

(4) Meta l-EPC jew l-inkartament ta' *data* jew rapport jiġi

revokat, skont dan ir-regolament:

(a) tista' ssir talba għall-ħlas lura tad-dritt jew parti minnu, mill-persuna li tkun ħallset jew ikkontribwixxiet għad-dritt fir-rigward tal-valutazzjoni tal-EPB lill-assessur tal-EPB li jkun wettaq il-valutazzjoni; u

(b) l-assessur tal-EPB għandu jkun obbligat li jrodd lura l-ispejjeż, għal kollox jew parti minnhom, kif jista' jkun il-każ imsemmi fil-paragrafu (a), fi żmien tmienja u għoxrin ġurnata minn meta jkun irċieva t-talba, kemm-il darba l-assessur ikun sodisfatt li d-dritt jew il-kontribuzzjoni għad-dritt ikunu ġew imħallsa mill-persuna li tkun qegħda tagħmel it-talba.

Tibdil, tħassir jew żjieda għal EPC u rapporti li jkollhom x'jaqsmu.

**24.** (1) Wara li l-EPC jiġi reġistrat mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini u ffirmat mill-assessur, ebda persuna m'għandha, permezz ta' kitba, tpinġija, jew b'xi mod ieħor, tbiddel, tħassar jew iżżid xi ħaġa fl-EPC jew f'kull rapport ieħor li jkollu x'jaqsam, jew f'xi kopja stampata tal-EPC jew f'xi rapport ieħor li jkollu x'jaqsam jew *data* li tkun saret fih.

(2) Ebda persuna ma tista' tipproduċi:

(a) kopja stampata tal-EPC jew rapport għall-bini jew installazzjoni, liema kopja tkun ġiet mibdula jew miżjuda bi ksur tas-subregolament (1), jew li fuqha l-figuri ma jkunux baqgħu jinqraw jew il-kulur ikun inbidel minħabba f'ċarezza jew xort'oħra; jew

(b) EPC jew rapport ħlief għal dak provdut għall-bini imsemmi partikolari li għalih ikun inħareġ; jew

(ċ) EPC jew rapport li jkun ġie mħassar jew li l-validità tiegħu tkun skadiet; jew

(d) xebħ ta' EPC jew rapport li jkun ġie reġistrat.

(3) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jitlob lis-sid tal-bini jew, kif jista' jkun il-każ, lill-aġent tiegħu, biex irodd lura l-EPC jew ir-rapport meta l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jkollu raġuni biex jaħseb li l-EPC jew ir-rapport ikollu dettalji mhux korretti u, meta jiġi hekk mitlub, is-sid tal-bini, jew l-aġent tas-sid, għandu jrodd lura d-dokumenti rilevanti lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

Reġistri, *data* u dokumentazzjoni.

**25.** (1) Kull *data*, dokumentazzjoni u reġistru li jkun sar minn assessur tal-EPB u miġjub lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għar-rigward ta' twettiq ta' EPC taħt dawn ir-regolamenti,

għandu jsir il-proprjetà tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, li għandu s-setgħa li jitlob għal dik id-*data*, dokumentazzjoni u reġistru, mingħand l-assessur, kif l-aktar jidhirlu xieraq.

(2) EPC legali li jkollu x'jaqsam mal-bini jew installazzjoni għandu jkun dak miżmum fir-reġistru tal-EPC fl-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

(3) L-aktar reġistru ta' EPC riċenti li jkun ġie mdaħħal fir-reġistru tal-EPC mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini f'dak li għandu x'jaqsam ma' bini jew installazzjoni għandu jitqies bħala dak li jkun jissupera l-EPC preċedenti għal dak il-bini jew installazzjoni.

**26.** (1) Mingħajr ħsara għas-subregolamenti (3) u (4), l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jirreġistra assessuri tal-EPB biex jevalwaw ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini, u biex jipprovdu rapporti li jkollhom x'jaqsmu ma' bojlers tal-ilma sħun, tisħin tal-ispazju u sistemi ta' tkessiħ tal-ispazju skont dawn ir-regolamenti. Reġistrazzjoni ta' assessuri tal-EPB.

(2) Meta jiġi reġistrat assessur tal-EPB, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jindika t-tip ta' ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija meħtieġa fl-użu tal-bini, kif ukoll il-kategorija ta' bini li l-assessur tal-EPB ikun awtorizzat li jevalwa biex iwettaq EPA u akkreditazzjoni.

(3) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini m'għandux jikkunsidra persuna adatta għar-reġistrazzjoni bħala assessur tal-EPB kemm-il darba:

(a) l-persuna ma tagħmilx applikazzjoni għar-reġistrazzjoni lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini bil-mod li għaliha jkun ġie stabbilit;

(b) l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ma jkollhiex magħha dak id-dritt kif jista' jkun indikat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini; u

(ċ) l-persuna ma jkollhiex il-ħtiġiet neċessarji kif indikat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

(4) Meta tiġi kunsidrata applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala assessur tal-EPB, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jkun sodisfatt li l-applikant ikollu l-kwalifiki neċessarji u, jekk jiġi mitlub, ikun ġie eżegwit b'suċċess kors ta' taħriġ mogħti mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, jew provditur ta' taħriġ dwar ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini jkun rikonoxxut mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini bħala adatt biex jipprovdi taħriġ

għall-kostruzzjoni tal-bini, jew installazzjonijiet li jkunu saru f'Malta fil-kategorija ta' bini rilevanti u t-tip ta' akkreditazzjoni msemmija.

(5) Assessur tal-EPB li jkun reġistrat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini f'dak li għandu x'jaqsam ma' tip wieħed ta' ċertifikat jew kategorija waħda ta' bini, jista' japplika mal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini biex jiġi reġistrat f'dak li għandu x'jaqsam ma' tipi jew kategoriji oħra ta' bini, u jista' jiġi hekk reġistrat, soġġett għall-ħarsien mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fis-subregolamenti (3) u (4) u l-ħlas ta' dak id-dritt kif jista' jkun indikat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

(6) Assessur tal-EPB għandu jġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu ta' spiss b'mod raġonevoli kif jista' jistabbilixxi l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, soġġett għall-ħlas ta' dak id-dritt għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni kif jista' jiġi indikat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

(7) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jipprovdi lil kull assessur tal-EPB b'ċertifikat ta' reġistrazzjoni għat-tip u kategorija msemmija ta' bini li għalih tkun tapplika r-reġistrazzjoni, u ċ-ċertifikat, jekk ikun mitlub mis-sid tal-bini jew l-aġent tas-sid, jew xi uffiċjal awtorizzat ieħor, għandu jiġi preżentat għall-ispezzjoni lill-persuna li tkun għamlet dik it-talba.

(8) Meta l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jissospendi jew iwaqqaf reġistrazzjoni ta' persuna bħala assessur tal-EPB, għandu jirreġistra s-sospensjoni jew waqfien tal-ħatra billi titniżżel id-data ta' meta r-reġistrazzjoni tkun ġiet sospiża jew revokata.

(9) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista', filwaqt li tingħata importanza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jissospendi jew jittermina r-reġistrazzjoni ta' assessur tal-EPB minħabba:

(a) nuqqas min-naħa tal-assessur tal-EPB milli jattendi kors perjodiku ta' taħriġ jekk ikun meħtieġ mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, jew li jkun spiċċa dak il-kors ta' taħriġ b'suċċess; jew

(b) nuqqas min-naħa tal-assessur tal-EPB milli josserva ordni skont dawn ir-regolamenti; jew

(ċ) nuqqas min-naħa tal-assessur tal-EPB milli jwettaq EPA fuq bini għall-finijiet ta' EPC b'mod xieraq u eliġibbli, jew nuqqas milli jżomm jew jipprovdi *data* sodisfaċenti, dokumentazzjoni jew reġistri ta' dik il-valutazzjoni; jew

(d) li jwettaq reat, jew jgħin jew jinstiga biex isir reat mill-assessur tal-EPB skont dawn ir-regolamenti; jew

(e) li l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jkun tal-opinjoni li l-assessur tal-EPB ma jkunx għadu kapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod tajjeb u effiċjenti, skont dawn ir-regolamenti.

(10) Is-sospensjoni jew waqfien ta' reġistrazzjoni skont is-subregolament (9) għandha tiġi notifikata lill-persuna involuta bil-miktub, u għandha tingħata raġunijiet għal dik is-sospensjoni jew waqfien, u l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu javza lill-persuna bid-dritt tal-proċedura tal-appell skont is-subregolament (11).

(11) Persuna li r-reġistrazzjoni tagħha tkun ġiet sospiża jew imwaqqfa skont is-subegolament (10) tista', fi żmien erbatax-il ġurnata mill-imsemmija sospensjoni jew waqfien, tappella lill-Bord li Jirregola l-Bini jew il-Kumitat tal-Appell kontra d-deċiżjoni li jkollha x'taqsam mas-sospensjoni jew waqfien meħuda mid-Direttur tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, kif stabbilit skont l-Att, skont id-dispożizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-appell skont l-artikoli 12 u 13 tal-imsemmi Att, jew il-Qorti tal-Appell, kif jista' jkun il-każ.

(12) Persuna li r-reġistrazzjoni tagħha bħala assessur tal-EPB tkun skadiet jew tkun ġiet sospiża jew imwaqqfa tista' tiġi ordnata mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini biex tħassar kull informazzjoni jew dokumentazzjoni li tkun ġiet provduta mis-sidien tal-bini jew l-aġenti tagħhom, u kull kopja tar-reġistrazzjoni, li jkollha x'taqsam mal-valutazzjonijiet tal-EPB li jkunu saru fil-kapaċità tiegħu bħala assessur tal-EPB. Inkella l-Uffiċċju tar-Regolament tal-Bini jista' jirtira dik id-*data* jew dokumentazzjoni.

(13) Persuna li tkun tat x'tifhem li hi assessur tal-EPB għal kategorija msemmija ta' bini, jew għall-ispezzjonijiet tal-EPB fuq installazzjonijiet, jew xi uffiċjal awtorizzat skont dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti.

(14) Persuna li, peress li tkun tidher li qed tagħti informazzjoni lill-assessur tal-EPB, lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, jew lill-uffiċjal awtorizzat biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti, tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li hi falza jew qarrieqa f'xi materja partikolari jew tonqos milli tikxef xi materja partikolari, tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti.

(15) Assessur tal-EPB li jkun ħareġ EPC jew li jkun għamel dikjarazzjoni jew rapport li jkun jaf li hu falz jew qarrieqi f'xi materja partikolari, jkun ħati ta' reat skont dawn ir-regolamenti.

Ordnijiet moghtija mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

**27.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista', minn żmien għal żmien, joħroġ ordnijiet lill-assessuri tal-EPB f'dak li għandu x'jaqsam ma':

(a) l-mod ta' kif issir il-valutazzjoni tal-EPB;

(b) il-mod ta' kif EPC u rapporti ta' rakkomandazzjonijiet li jkollu miegħu għandhom isiru;

(ċ) l-ħtiġiet u l-kwalifiki ta' taħriġ għall-assessuri tal-EPB;

(d) reġistri, *databases* u dokumentazzjoni li għandhom ikunu miżmuma mill-assessuri;

(e) kodiċijiet ta' prattika li għandhom jiġu rispettati minn assessuri; u

(f) dawk il-ħwejjeġ l-oħra li jkunu meħtieġa b'mod raġonevoli għall-amministrazzjoni adatta tas-sistema tal-EPC.

(2) Assessur tal-EPB għandu josserva kull ordni mogħtija skont is-subregolament (1).

Dritt ta' reġistrazzjoni tal-EPC.

**28.** (1) L-assessur tal-EPB li jkun reġistrat għandu jħallas lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini dak id-dritt kif jista' jiġi stabbilit minnu f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull valutazzjoni tal-EPB li tkun saret fuq bini jew installazzjoni u preżentata bħala inkartament ta' *data* tal-EPC minn dak l-assessur lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għall-fini ta' reġistrar u ħruġ ta' EPC u rapporti ta' rakkomandazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu miegħu.

(2) L-introjtu mid-dritt imsemmi fis-subregolament (1) għandu jintuża biss mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini biex jinqatgħu spejjeż imħallsa minnu biex tiġi stabbilita, operata u miżmuma s-sistema tal-EPC, inkluż ir-reklamar tal-imsemmija sistema.

Reġistri miżmuma mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

**29.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jistabilixxi, jopera, u jżomm reġistru tal-assessuri tal-EPB, reġistru tal-EPCs li jkollu EPCs, rapporti ta' rakkomandazzjonijiet, rapporti ta' spezzjonijiet fuq installazzjonijiet, inkartament ta' *data* tal-EPC u *data* li jkollha x'taqsam jew dokumenti u kull reġistru ieħor li l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jqis meħtieġ għall-amministrazzjoni xierqa tas-sistema tal-EPC.

(2) Kull reġistru stabbilit skont is-subregolament (1) jista' jiġi miżmum f'forma li ma tkunx jinqara kemm-il darba jkun jista' jiġi

riprodott f'forma li tkun tinqara.

(3) Kull reġistru stabbilit skont is-subregolament (1) għandu jkun reġistru pubbliku u għandu jinżamm taħt l-immaniġġar tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini.

(4) F'dak li għandu x'jaqsam mar-reġistri stabbiliti skont is-subregolament (1), id-drittijiet ta' aċċess li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) estratti mir-reġistru tal-assessuri tal-EPB, inklużi l-isem, dak li jkun impjega lill-assessur, jekk ikun hemm, u l-post tan-negozju, dettalji fejn ikun jinsab, u t-tip indikat, kemm jekk bini, kemm installazzjonijiet, tas-sistema taċ-ċertifikat ta' valutazzjoni tal-enerġija li għaliha tkun tapplika r-reġistrazzjoni tal-assessur tal-EPC, għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni pubblika fuq l-internet jew, waqt ħinijiet tal-uffiċċju, fl-uffiċini tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini;

(b) soġġett għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jippermetti l-pubblikazzjoni jew l-aċċess, fuq bażi ristretta jew estensiva, għal kull estratt minn kull reġistru miżmum mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini skont dawn ir-regolamenti, meta l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jkun sodisfatt li dik il-pubblikazzjoni jew aċċess ikun fl-interess pubbliku; Kap. 440.

(ċ) minbarra dak li hu stabbilit fil-paragrafi (a) u (b), inkartament ta' *data* jew estratt ieħor minn reġistru li jkollu x'jaqsam ma' EPC għal xi bini partikolari għandu jkun disponibbli biss għal:

(i) l-assessur tal-EPB li jkun wettaq il-valutazzjoni tal-EPB rilevanti, jew dak li jkun impjega tal-assessur b'mod formali; jew

(ii) l-assessur tal-EPB li jkun wettaq xi valutazzjoni tal-EPB sussegwenti tal-bini rilevanti, jew dak li jkun impjega lill-assessur; jew

(iii) sid il-bini rilevanti, jew l-aġent ta' dak is-sid tal-bini, permezz ta' assessur tal-EPB.

Informazzjoni li tintuża bħala prova fil-proċeduri.

**30.** (1) F'kull proċedura, ċertifikat li jkun iffirmat minn uffiċjal awtorizzat tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini li jkollu biss informazzjoni mniżżla f'dak iċ-ċertifikat li għandu jiġi meħud minn reġistru miżmum mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini

għandu jkun prova suffiċjenti tal-fatti mniżżla fiċ-ċertifikat kemm-il darba ma jkunx hemm prova għall-kuntrarju.

(2) F'kull proċedura, dokument li jagħti x'jifhem li hu ċertifikat skont is-subregolament (1) għandu jitqies bħala ċertifikat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u li ġie ffirmat minn uffiċjal awtorizzat tal-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, kemm-il darba ma jkunx hemm prova għall-kuntrarju.

(3) Ċertifikat skont is-subregolament (1) u (2) li jkun jidher li jkollu firma *facsimile* tal-uffiċjal awtorizzat mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jew kopja ta' dik il-firma li tkun saret permezz ta' timbru jew prodotta minn kompjuter, għanda titqies li tkun ġiet iffirmata minn uffiċjal awtorizzat, kemm-il darba ma jkunx hemm prova għall-kuntrarju.

Esperti indipendenti.

**31.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jistabbilixxi u jżomm sistema ta' monitoraġġ għall-infurzar ta' akkreditazzjoni tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u tal-ispezzjoni ta' sistemi ta' sħana u arja kundizzjonata li għandhom isiru b'mod independenti minn esperti kwalifikati u, jew akkreditati, kemm jekk joperaw f'kapaċità għal rashom, kemm jekk ikunu ngaġġati minn entitajiet pubbliċi jew intrapriżi privati. L-esperti għandhom jiġu akkreditati skont il-kompetenza tagħhom.

(2) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jagħmel disponibbli għal pubbliku informazzjoni dwar taħriġ u akkreditazzjoni. Hu għandu jiżgura li jew listi aġġornati ta' esperti kwalifikati jew akkreditati, jew listi aġġornati b'mod regolari ta' kumpanniji akkrediti li jkunu joffru s-servizzi ta' dawk l-esperti jkunu disponnibli għall-pubbliku.

Sistema ta' kontroll independenti.

**32.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jiżgura li sistemi ta' kontroll indipendenti għall-EPCs u rapporti dwar l-ispezzjonijiet ta' sistemi ta' sħana u arja kundizzjonata, jkunu stabbiliti skont l-iSkeda II. L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jistabbillixxi sistemi separati għall-kontroll ta' EPCs u għall-kontroll tar-rapporti dwar l-ispezzjoniijet ta' sistemi ta' sħana u arja kundizzjonata.

(2) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jiddelega r-responsabbiltajiet biex jiġu implimentati sistemi ta' kontroll indipendenti. Meta l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jiddeċiedi li jagħmel dan, hu għandu jiżgura li sistemi ta' kontroll indipendenti jiġu implimentati skont l-iSkeda II.

(3) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jiżgura li l-EPCs u r-rapporti tal-ispezzjoni msemmija fis-subregolament (1),

ikunu disponibbli għall-Awtorità jew korpi oħra, organizzazzjonijiet u, jew entitajiet, kemm jekk privati kemm pubbliċi, meta jiġu mitluba.

**33.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex javża lis-sidien jew is-sidien tal-kera tal-bini jew unitajiet ta' bini, bil-metodi u l-prassi differenti li jservu biex jitjieb it-rendiment tal-enerġija. Informazzjoni.

(2) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu b'mod partikolari jipprovdi informazzjoni lis-sidien jew lis-sidien tal-kera tal-bini dwar EPCs u rapporti ta' spezzjoni, bl-iskop u l-għanijiet tagħhom dwar l-effettività tal-infiq biex jitjieb l-EPB u, meta xieraq, dwar strumenti finanzjarji disponnibbli biex jitjieb l-EPB.

(3) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini għandu jiżgura li gwida u taħriġ ikunu disponibbli għal dawk responsabbli biex jimplimentaw dawn ir-regolamenti. Dik il-gwida u taħriġ għandhom jindirizzaw l-importanza tat-titjib fir-rendiment tal-enerġija, u għandhom jagħtu importanza għall-aħjar kombinazzjoni ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija, użu ta' enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu u użu ta' tisħin u tkessiħ distrettwali fl-ippjanar, iddisinjar, bini u tiġdid ta' żoni industrijali jew residenzjali.

**34.** Biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn ir-regolamenti, l-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, b'kollaborazzjoni mal-Awtorità, għandu jikkonsulta mal-partijiet interessati involuti, inklużi awtoritajiet lokali, skont il-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti li tkun tapplika. Dik il-konsultazzjoni hi ta' importanza partikolari għall-applikazzjoni tar-regolamenti 10 u 33. Konsultazzjoni.

**35.** Kull persuna li tikser xi ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti. Infurzar tar-regolamenti.

**36.** (1) L-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini jista' jappunta persuni biex ikunu uffiċjali awtorizzati għall-fini ta' nfurzar ta' dawn ir-regolamenti. Ħatra ta' uffiċjali awtorizzati.

(2) Uffiċjal awtorizzat għandu jkollu fil-pussess tiegħu mandat ta' ħatra u għandu, meta jiġi hekk mitlub, jipproduċi dak il-mandat.

**37.** (1) Uffiċjal awtorizzat jista' jidħol, jispezzjona u jeżamina bini jew kull parti ta' bini jew installazzjoni, għall-fini biex tiġi ffurmata opinjoni dwar jekk inkartament ta' *data* tal-EPC jew ċertifikat li jkun inħareġ għal bini, jew parti minnu, jew installazzjoni, ikunx meħtieġ. Setgħa ta' uffiċjali awtorizzati.

(2) Uffiċjal awtorizzat jista' jagħmel dawk l-affarijiet kollha u

jagħmel dawk il-ħtiġiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-bini u installazzjonijiet, hekk kif ikun meħtieġ b'mod raġonevoli għall-fini li tiġi mwettqa spezzjoni skont is-subregolament (1).

(3) Persuna li -

(a) tonqos milli tippermetti spezzjoni ta' bini, jew installazzjoni, skont dan ir-regolament;

(b) mingħajr raġuni motivata tonqos jew tirrifjuta li tosserva xi talba jew ħtieġa li tkun saret minn uffiċjal awtorizzat skont dan ir-regolament;

(ċ) tostakola, tipprojbixxi, tinterferixxi jew tħebb għal xi uffiċjal awtorizzat fit-twettiq ta' xi setgħa skont dan ir-regolament;

(d) tagħti lil xi uffiċjal awtorizzat informazzjoni li tkun falza jew qarrieqa f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi ħaġa materjali; jew

(e) tbiddel, taħbi jew tħassar xi inkartament ta' *data* tal-EPC, kalkoli li jkollhom x'jaqsmu ma' dan, EPC, rapport ta' rakkomandazzjonijiet, ktieb, dokument jew reġistru, li jkollu kopja stampata ta' dawk id-dokumenti u *data* elettronika, li l-persuna involuta tkun ġiet mitluba jew meħtieġa li tipproduċi, jew tkun mistennija b'mod raġonevoli li tiġi mitluba li tipproduċi,

tkun ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti.

Proċeduri kriminali.

**38.** (1) Proċeduri kriminali għal xi reat skont dawn ir-regolamenti għandhom jinstemgħu jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), it-tnejn bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregola dik il-proċedura.

Kap. 9.

(2) Meta persuna taġixxi, kemm jekk xjentement, kif ukoll jekk b'mod negliġenti, jew tidher li tkun qegħda taġixxi bħala direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor jew membru ta' xi korp, kemm jekk ikun korp ġuridiku, kemm jekk ma jkunx korp ġuridiku, u f'dan l-aġir tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat, u għandha, meta tinsab ħatja, teħel il-pieni stabbiliti skont ir-regolamenti 39 u 40.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-

Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), it-tnejn bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri meħuda li jkollhom x'jaqsmu ma' xi reat skont dawn ir-regolamenti.

**39.** Kull piena jew sanzjoni amministrattiva jew penali li tiġi imposta mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Att, fuq persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tosserva xi ordni jew deċiżjoni mogħtija mill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini biex jiżgura ħarsien għal dawn ir-regolamenti, għandha tkun dovuta lill-Uffiċċju dwar ir-Regolament tal-Bini bħala dejn ċivili u tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, daqs li kieku l-ħlas tad-dejn ġie ordnat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili.

Pieni amministrattivi.

Kap. 12.

**40.** Persuna għandha, meta tinsab ħatja, teħel:

Reati u pieni.

(a) multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux aktar minn elf u ħames mitt euro (€1,500) jekk tikser ir-regolamenti 14(1), (3), (4), 15(4), 17(1) u (2), 18 u 19;

(b) multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux iktar minn ħamest elef euro (€5,000) jekk tikser ir-regolamenti 21, 22(1), (2) u (4), 23, 24 u 26(12), (13), (14);

(ċ) multa ta' mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux iktar minn ħamest elef euro (€5,000), jew piena ta' priġunerija ta' mhux iktar minn tliet xhur, jew multa u priġunerija flimkien, jekk tikser ir-regolament 37(3).

**41.** (1) Kull Dokument ta' Gwida Teknika li jkun inħareġ f'dak li għandu x'jaqsam ma' dawn ir-regolamenti jista' jinħareġ jew bil-lingwa Maltija jew bil-lingwa Ingliża, jew biż-żewġ lingwi.

Lingwa.

(2) EPC jew rapport li jkun inħareġ skont dawn ir-regolamenti jista' jiġi publikat jew bil-lingwa Maltija jew bil-lingwa Ingliża, jew biż-żewġ lingwi.

**42.** (1) Ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija u r-Regolamenti dwar ir-Rekwiżiti Minimi għar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija qegħdin b'dawn jiġu revokati, u l-artikolu 97(1)(f)(i) u (n)(viii) tat-Taqsima V tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija qiegħed b'dawn jiġi mħassar.

Revoka ta' regolamenti u tħassir ta' artikolu tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.
L.S. 423.33
L.S. 423.25
Kap. 10.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), ir-

revoka tar-regolamenti u t-tħassir tal-artikolu tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija msemmija f'dak is-subregolament, m'għandhomx jaffetwaw il-validità tad-Dokument ta' Gwida Teknika F dwar l-EPB, kif ippubblikat permezz tal-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern numru 1002 tal-2006 u, jew emendi sussegwenti li jkunu saru għal dak id-Dokument.

## Skeda 1

(Regolament 4)

Qafas komuni u ġenerali għall-kalkoli tat-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini

1. Ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini għandu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-enerġija annwali, kemm kalkolata u kemm attwali, li tiġi kkunsmata biex jintlaqgħu l-ħtiġiet differenti assoċjati mal-użu tipiku tiegħu, u għandu jirrifletti kemm il-bżonnijiet tal-enerġija tas-sħana u tal-kesħa (jiġifieri enerġija li tintuża biex tevita eċċess ta'sħana) biex iżommu l-kundizzjonijiet tat-temperatura tal-bini previsti, u l-bżonnijiet tal-ilma sħun domestiku.

2. Ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini għandu jiġi mfisser b'mod trasparenti u għandu jinkludi indikatur tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u indikatur numeriku tal-użu tal-enerġija primarja, bażat fuq fatturi ta' enerġija primarja għal kull *energy carrier* li jistgħu jiġu bażati fuq medji nazzjonali jew reġjonali mwieżna kull sena jew valur speċifiku għall-produzzjoni fuq il-post.

Il-metodoloġija użata biex isir il-kalkolu tat-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini għandha tqis il-livelli Ewropej u għandha tkun konsistenti mal-leġislazzjoni Ewropea rilevanti, inkluża d-Direttiva 2009/28/EĊ fuq il-Promozzjoni tal-Użu tal-Enerġija minn Sorsi Rinovabbli.

3. Din il-metodoloġija għandha titniżżel filwaqt li għandha tingħata kunsiderazzjoni minn tal-inqas għall-punti li ġejjin:

(a) il-karatteristiċi ta' tisħin tal-bini li ġejjin, inklużi d-diviżjonjiet interni:

(i) kapaċità ta' tisħin

(ii) insularità;

(iii) sħana passiva;

(iv) elementi ta' kesħa; u

(v) *thermal bridges*;

(b) installazzjonijet tas-sħana u fonti ta' ilma sħun, inklużi l-karatteristiċi insulatorji tagħhom;

(ċ) installazzjonijiet tal-arja kundizzjonata;

(d) ventilazzjoni naturali u mekkanika li tista' tinkludi sistemi fejn ma tgħaddix arja;

(e) installazzjoni tad-dawl *built-in* (prinċipalment fil-parti mhux residenzjali);

(f) id-disinn, pożizzjoni u orjentazzjoni tal-bini, inkluża l-klima ta' barra;

(g) sistemi solari passivi u protezzjoni solari;

(h) kundizzjonijiet klimatiċi interni, inkluża l-klima interna magħżula;

(i) *internal loads*.

4. L-influwenza pożittiva li għandhom il-punti li ġejjin għandhom, fejn rilevanti fil-kalkoli, jingħataw kunsiderazzjoni:

(a) kundizzjonijiet lokali ta' espożizzjoni solari, sistemi solari attivi u sistemi oħra ta' sħana u elettriku bażati fuq enerġija ta' sorsi rinovabbli;

(b) elettriku miġjub minn koġenerazzjoni;

(ċ) sistemi ta' sħana u kesħa ta' distrett jew blokk;

(d) dawl naturali.

5. Sabiex isiru l-kalkoli, l-bini għandu jiġi adegwatament klassifikat fil-kategoriji li ġejjin:

(a) djar b'familja waħda ta' tipi differenti;

(b) blokok tal-appartamenti;

(ċ) uffiċċji;

(d) bini ta' edukazzjoni;

(e) sptarijiet;

(f) lukandi u ristoranti;

(g) faċilitajiet ta' sport;

(h) bini ta' servizzi ta' kummerċ kemm bl-imnut u kemm bl-ingrossa;

(i) tipi oħra ta' bini li jikkunsmaw l-enerġija.

Skeda II

(Regolament 32)

Sistemi ta' kontroll indipendenti għaċ-ċertifikati tat-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u rapport ta' spezzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi li lilhom awtoritajiet kompetenti ddelegaw ir-responsabbilità għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll indipendenti għandhom jagħmlu selezzjoni li ssir b'mod mhux regolari ta' mill-inqas perċentwali statistikament sinjifikanti taċ-ċertifikati tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini maħruġa annwalment, u jissoġġettaw dawn iċ-ċertifikati għall-verifika.

Il-verifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-għażliet indikati hawn taħt jew fuq miżuri ekwivalenti:

(a) kontroll ta' validità tal-informazzjoni tal-bini imdaħħla sabiex joħroġ iċ-ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u r-riżultati mniżżla fiċ-ċertifikat;

(b) kontroll tal-informazzjoni mdaħħla u l-verifika tar-riżultati taċ-ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini, inklużi r-rakkomandazzjonijiet magħmula;

(ċ) kontroll sħiħ tal-informazzjoni tal-bini mdaħħla u użata sabiex joħroġ iċ-ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini, verifika sħiħa tar-riżultati mniżżla fiċ-ċertifikat, inklużi r-rakkomandazzjonijiet magħmula, u żjara fil-post tal-bini, jekk possibbli, biex tiġi kkonfermata l-korrispondenza bejn id-dettalji mniżżla fiċ-ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u l-bini li ngħata ċ-ċertifikat dwaru.

2. L-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi li lilhom awtoritajiet kompetenti ddelegaw ir-responsabbilità għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' kontroll indipendenti għandhom jagħmlu selezzjoni b'mod mhux regolari ta' mill-inqas perċentwali statistikament sinjifikanti taċ-ċertifikati tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini maħruġa annwalment, u jissoġġettaw dawn iċ-ċertifikati għall-verifika.

# Skeda III

(Regolament 32)

## Qafas tal-metodoloġija komparattiva biex jiġu identifikati l-orħos livelli tar-rekwiżiti tar-rendiment tal-enerġija għall-bini u l-elementi tagħhom

Il-qafas tal-metodoloġija komparattiva għandu jagħti s-setgħa lill-Istati Membri biex jiddeterminaw ir-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini u l-elementi tagħhom u l-aspetti ekonomiċi tal-miżuri relatati mar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini, u biex jikkomparawhom għall-iskop li jiġi identifikat livell ottimali tal-infiq.

Il-qafas tal-metodoloġija komparattiva għandu jiġi akkumpanjat minn gwidi li jiddeskrivu kif għandu jiġi applikat dan il-qafas fil-kalkolu tal-orħos livelli ta' twettieq. Il-metodoloġija komparattiva għandha tippermetti li jiġi kkunsidrat l-użu ta' sekwenzi, kundizzjonijet ta' klima fuq barra, spejjeż ta' investiment, kategorija ta' bini, manutenzjoni u spejjeż tal-operar (inkluż spejjeż ta' enerġija u tfaddil), qligħ minn enerġija prodotta, fejn applikabbli, u spejjeż ta' tneħħija, fejn applikabbli. Dan għandu jkun ibbażat fuq livelli Ewropej rilevanti relatati ma' dawn ir-regolamenti.

Meta jsir kalkolu tal-ispejjeż tal-miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija waqt il-ħajja ekonomika mistennija, l-ekonomija tal-livelli differenti tal-inqas ħtiġiet neċessarji għar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini tiġi valutata mill-Istati Membri. Din tippermetti d-determinazzjoni tal-livell ottimali tal-infiq tal-ħtiġiet tar-rendiment tal-enerġija fl-użu tal-bini.